MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Numru 938/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

Joseph Manche
Godwin Manche

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Joseph Manche u Godwin Manche detenturi ta' karta ta' identita' numru 392964(M) u 60169(M) rispettivament, akkuzati talli;

a. iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura; jew xjentement ghamlu uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-

merkanzija, jew biegh tali merkanzija; jew xjentement qeghdu f'cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' 521 Playstation games, 13 DVD games u oggetti ohra allegatament foloz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irripproducew jew ikkopjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassmu, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputati f'din l-ewwel seduta tal-lum jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw.

Stante din l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata, tiddikjarahom hatja tal-akkuzi. Rat l-Artikoli 298(1)(a)(b)(c)(f), 298B u 17 tal-Kap 9 u tikkundanahom Lm100 kull wiehed u takkordalhom zmien xahar ghall-hlas.

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti meritu l-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------